# IL-BANDA FL-IMGHODDI (9)

*Kitba ta' Ġużeppi Farrugia*

Mal-bidu tas-sena 1948, il-Kumitat beda jipprepara biex il-Laqgħa Ġenerali Annwali ssir matul ix-xahar ta' Jannar, biex il-Kumitat li jiġi maħtur ġdid, ikollu żmien biżżejjed biex jipprepara mhux biss għall-festi, iżda għas-sena kalendarja kollha. Wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret is-Sibt 17 ta' Jannar 1948, il-Kumitat ġie ffurmat hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| *President* | Joseph Vassallo | *Viċi-President* | Carmelo Caruana |
| *Segretarju* | Jos.N. Farrugia | *Asst. Segretarju* | Vincenz Abela |
| *Kaxxier* | Ant. Brincat | *Asst. Kaxxier* | Menu Dalli |

*Membri* Ġanni Abela, Pietru Balzan, Ant. Calleja, Carlo Calleja u Frans Zammit

Peress li numru mhux ħażin ta' Bandisti kienu qed jiġu maħtura fil-Kumitat, ir-Rappreżentanti tal-Banda ma tantx kien baqa' ħtieġa għalihom, u fil-fatt, ma kenitx se ssir il-ħatra tagħhom mill-Bandisti. Din is-sena l-Kumitat tal-Festa ta' l-Annunziata ta' Ħal Tarxien xtaq li l-Banda tagħna tagħmel marċ u programm f'Ħal Tarxien, nhar il-festa, iżda s-servizz tħassar minħabba l-finanzi.

Matul din is-sena, l-qagħda tal-Banda kienet xi ftit imċajpra, u għalkemm għall-bidu tas-sena l-Bandisti kienu jattendu numerużi għall-kunċerti, sakemm wasalna f'nofs is-sena, kien qed ikun hemm nuqqas ta' attendenza għall-kunċerti, tant, li xi drabi l-kunċert kien jiġi mħassar minħabba li ma kienx ikun hemm bandisti biżżejjed biex isir il-kunċert, u r-raġuni għal din il-bruda setgħet kienet li l-kunċerti ma kenux qed isiru regolari, li l-jiem tal-kunċerti jinbidlu spiss u wkoll li l-ħin tal-kunċert kien naqas ħafna, kważi bin-nofs u dan kien qed joħloq ukoll it-tgergir. Għalhekk il-Kumitat sejjaħ Laqgħa tal-Bandisti nhar il-Ħamis 9 ta' Settembru 1948 sabiex il-Bandisti jagħtu raġunijiet għat-tgergir u jiddeċiedu jew jissuġġerixxu x'jista' jsir biex l-affarijiet jiġu rranġati. F'laqgħa oħra li saret fit-3 ta' Ottubru 1948 dwar il-Banda, il-Kumitat qal li s-Surmast Willie Attard jiddispjaċih ħafna li kellu jispiċċa minn Surmast tal-Banda tagħna u saret proposta biex nerġgħu nġibu lis-Surmast Ant. Micallef.

Fit-18 ta' Ottubru 1948 sar l-ewwel kunċert b'attendenza numeruża iżda lejn l-aħħar tas-sena l-attendenza għall-kunċerti reġgħet naqset ħafna u wara l-aħħar tas-sena 1948 is-Surmast Ant. Micallef qal li ma jistax ikompli u li jekk ikun hemm xi ħsieb li terġa' tibda tiffunzjona l-Banda huwa lest li jerġa' jibda jieħu ħsiebha.

Is-Servizzi li kellha l-Banda matul is-sena 1948 kienu dawn:-

| | | |
|---|---|---|
| 15 ta' Frar 1948 | Fiera | Gudja |

Il-Banda tagħna daqqet xi marċi kif ukoll

| | | |
|---|---|---|
| Intermezzo | Agnus Dei | Georges Bizet |
| Serenata | Cinese | G. Martino |
| Sinfonia | Omaggio a Dante | Cav. M. Bartolucci |

*Surmast* Willie Attard

## DIK L-IMBIERKA RADDIENA

Nirringrazzja lill-ħabib tiegħi s-Sur Carmelo Pace tat-tagħrif li kiteb dwar il-kwistjoni tar-Raddiena li jiena semmejt fil-Programm tal-Festa ta' Santa Marija 1995.

Jiena, fil-kitba tiegħi kont prudenti u ma semmejtx il-post eżatt fejn kienet ir-raddiena, għax ħassejt li wara kważi ħamsin sena m'għandix inqajjem mejtin.

Jiena nirringrazzja lill-ħabib tiegħi s-Sur Carmelo Pace li ddikjara pubblikament li kienet fuq insistenza min-naħa tagħhom li l-Pulizija ma riditniex naħarqu r-raddiena.

Issa li kulħadd qal tiegħu, nispera li ħbieb konna u mija nibqgħu u li dan l-episodju issa ngħalaq.